# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tieni laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-ewwel laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2015.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Ħin u Ġurnata tal-laqgħat tal-Kunsill*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew jsiru kull nhar ta' Erbgħa kull erba' ġimgħat fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm). Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. Komunikazzjni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ma kellhu l'ebda komunikazzjni x'jgħaddi lill-membri prezenti.

## 5. Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mil-1 ta' Mejju sat -3 ta' Ġunju 2015.

5.1 Rigward korrispondenza 403 mill-Meausac datata 25 ta' Mejju 2015 ġie deċiż li l-Viċi Sindku jiltaqa' ma rapprezentant tal-Meausac f'isem il-Kunsill.

5.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab għall-attenzjoni tal-membri prezenti r-risposta għal ittra ġudizzjarja li l-Kunsill għamel kontra l-NSO u l-Kummissjoni Elettorali fejn wieġbu li n-nuqqas ta' fondi u nuqqas fin-numru tal-Kunsilliera għall-Kunsill Lokali tal-Marsa ma taqax taħt ir-responsabilta' tagħhom.

5.3 Rigward korrispondenza 408 datata 18 ta' Mejju 2015 mingħand Censu Snack Bar fi Triq Spencer is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għall-permess mit-Transport Malta għal dawn il-U-shaped bollards li jiġu utilizzati għal reklamar mill-Kunsill. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

5.4 Għar-rigward ta' Linji ta' Gwida fuq talbiet għal ħsarat fuq vetturi personali mibgħutha mill-Bord tal-Governanza, s-Sindku qal li l-Kunsill qed jirċievi diversi talbiet għal ħlas ta' spejjez fuq vetturi li jġarbu ħsarat fit-toroq u dan b'rapporti tal-pulizija. Biss kompla s-Sindku li dawn ir-rapporti u ritratti ma jkunux daqstant kredibbli ezempju ta' dan kien kaz li ġie rrappurtat li seħħ fi Triq l-Ingiered bir-rappport bir-referenza NPS7/P?936/2015 fejn jidher li t-triq hija fi stat tajjeb jew Triq Belt il-Ħazna bir-rapport bir-referenza NPS 7/P/1537/2015 fejn jidher li t-triq hija fi stat tajjeb . Għaldaqstant is-Sindku ppropona li f'isem il-Kunsill tintbagħat proposta għal emenda fil-proċeduri, fejn biex individwu jitlob ħlas għall-ispejjes fuq il-vettura tiegħu minħabnba inċidenti li sofra minħabba ħofor fit-toroq tal-Marsa dan għandu jitlob li meta jseħħ il-kaz jinġieb u l-gwardjani lokali li jagħmlu r-rapport tagħhom kif ukoll jieħdu r-ritratti ta' l-inċident u l-kawza u kull informazzjoni oħra. B'hekk jitnaqqas kull dubju fuq il-kredibilita' tal-kaz. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

5.5 Għar-rigward tat-talba li l-kuntrattur C& F Building Contractors permezz ta' ittra legali li bagħat lill-Kunsill sabiex jitħallas tal-bilanċ li għad baqalu jieħu fuq ix-xogħol li wettaq fuq il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Amministrazzjoni flimkien mall-perit tiġa taw il-gwida tagħhom lill-avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi legalment għal din it-talba fejn fost l-oħrajn il-Kunsill kien elenka ċertu nuqqasijiet li għadhom pendenti u li l-Kunsill qed jesiġi li jsiru qabel ma dan il-pagament dovut jista' jsir.

## *6. Schedule of Payments 6/15*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal ħlasijiet tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-vot kien unanimu.

## *7. Purchase Order 4041 - 4051*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 4041 - 4051 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Purchase Request 3024 - 3034*

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 3024 sa 3034 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Tweġiba tal-Management Letter*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Ezekuttiv jagħti spjega tat-tweġiba tal-Management Letter . Is-Segretarju Ezekuttiv qara t-tweġiba filwaqt li ta d-dettalji kollha necessarji. Wara li ħadd mill-membri pprezenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq it-tweġiba kif ipprezentata s-Sindku talab l-approvazzjoni tagħha. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Responsabiltajiet tal-Kunsilliera*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona dawn id-dekasteri lil kull membru tal-Kunsill kif ġej:

Is-Sindku s-Sur Francis Debono: Proġetti
Bini tal-Kunsill
Regjun
Tenders

Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Aquilina : Fondi Ewropej
Twaqqif ta' Librerija Lokali
Storja tal-Lokal
Żgħażagħ

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer: Ġemellaġġi
Attivitajiet Kulturali
Attivitajiet Sportivi
Għaqdiet Lokali

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit: Mepa
Delegat mall-Ministeri
Infurzar tal-Liġi
Proġetti tal-Gvern
Transport Malta

Il-Kunsillier Jean Paul Zammit: Ambjent tan-naħa ta' fuq
Persuni bi bżonnijiet speċjali
Ġonna ta' l-area ta' fuq
Sinjali tat-Traffiku

Kull Kunsillier għandu jiddiskuti waqt laqgħa tal-Kunsill kull proposta, kummenti, talba li taqa' taħt id- dekasteru tiegħu sabiex tirrifletti deċiżjoni tal-Kunsill kollhu.

Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. Lezzjonijiet ta' Aerobics

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova li jerġaw isiru l-lezzjonijiet ta' l-Aerobics dan wara domanda qawwija tar-residenti u tal-parteċipanti li użaw dan is-servizz li offra l-Kunsill bejn Frar u Mejju. Huwa ppropona li l-Kunsill joffri s-servizz wara l-istaġun tas-Sajf sabiex b'hekk jinħarġu l-avvizi mill-ġdid u jibdew jsiru fil-jumejn li l-għalliema hija disponibbli li huma kull nhar ta' Tlieta bejn l-għaxra w nofs u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (10.30 – 11.30am) u nhar ta' Ġimgħa bejn is-sitta u s-sebgħa ta' filgħaxija (6.00pm – 7.00pm). Huwa qal li jekk jibqa postijiet vakanti jistaw jiġu aċċettati applikazzjonijiet minn persuni barra l-Lokalita' u dan qed jingħad minħabba d-domanda qawwija li l-Kunsill kien irċieva l-ewwel darba li offra dan is-servizz. Il-Kunsill ser ikun qed jissusidja dan is-servizz u l-prezz li kull parteċipant għandu jħallas jkun ta' għaxar ewro (€10) biss. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Laqgħat mall-Ministeri*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jorganizza laqgħa mall-Ministeri tad-Distrett kif ukoll mad-Deputati tal-Lokal kollha u dawn għandhom jsiru minn Settembru l'quddiem. Hu qal li l-laqgħa mall-Ministru tal-Pulizija Carmelo Abela għandha ssir qabel meta l-Kunsill jingħata l-appuntament. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Proġett tal-Kunsill*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex il-Kunsill japplika biex jingħata fondi taħt l-iskema UIF mingħand il-Mepa għal proġett li l-Kunsill preċedenti approva u ppjana. Dan jikkonsisti f'ġibjun u tisbieħ tal-parti tal-ħamrija li tinsab fil-kantuniera ta' Triq Isouard ma Triq Qormi liema spiza tkun ta' madwar tnejn u tletin elf, ħames mija sebgħa u sebgħin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€32577.83) skond l-istimi mħejjija mill-Perit tal-Kunsill is-Sur Dieter Falzon. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Laqgħat mas-Sidien tal-Flats dwar il-Proġett tal-Housing Estate*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-binjiet tal-Gvern:-

| | |
|---|---|
| Binja R | Triq Azzopardi |
| Binja G | Triq Jum |
| Binja A | Triq is-Sliem |
| Binja N | Triq Xemxija |

Binja fi Triq il-Marsa

Jiġu magħżula biex jibbenifikaw minn manutenzjoni tal-komun tal-binja tagħhom taħt l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar tal-Gvern. Ghal dan il-għan il-Kunsill għandu jibagħat il-korrispondenza kollha relatata lill-dawn is-sidien sabiex juru l-interess tagħhom sabiex tiġi ffurmata Assoċjazzjoni u jintgħazel Amministratur għal dan il-għan. Wara l-Kunsill jagħmel il-laqgħat neċessarji ma dawn l-Assocjazzjonijiet u l-Amministraturi tal-binjiet msemmija. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 15. Inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Egħluq il-Mitt Sena tal-Kapuċċini fil-Marsa.

15.1 Is-Sindku wara diskussjoni mall-membri prezenti ppropona l-Monument imsemmi jiġi kkommemorat nhar il-Ħadd 4 t'Ottubru u dan għandu jiġi nawgurat mill-Provincjal tal-Knisja Ssma Trinita' Qaddisa flimkien mas-Sindku u l-Membri tal-Kunsill. Għal aktar informazzjoni dwar l-organizzazjoni tas-serata il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mall-Provincjal. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 16. Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi

16.1 Wara diskussjoni u suġġerimenti mressqa mill-membri tal-Kunsill is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħzel il-Mina l-Antika li kienet tinsab bi swiet l-Open Centre fi Triq it-Tromba biex tiġi mpoġġijha lura f' posta u restawrata għall-benefiċċju tal-lokal taħt l-iskema Restawr ta' Postijiet Storiċi mnedhija mill-Ministeru tal-Kultura u Gvern Lokali . Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 17. Twiġibiet għall-mistoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera

17.1 Is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti r-refuġjati rregolari u l-Open Centre tal-Marsa.

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015 fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta nieqes ħamsa ta' filgħaxija (5.55pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv